

Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2014 – ZZ vs Il-Kunsill**(Kawża F-38/14)**

(2014/C 212/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet****Rikorrent:** ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glaz, avukati)**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Servizz pubbliku – Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill li timponi sanzjoni ta' revoka bi tnaqqis tal-allowance tal-invalidità ta' 15 % sal-età tal-irtirar

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
 - jannulla d-deċiżjoni kkontestata u, sa fejn ikun neċessarju, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;
 - jikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.
-

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-42/14)**

(2014/C 212/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet****Rikorrenti:** ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

Annnullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ssanzjonat billi jitniżżel bi tliet skali minħabba ksur tar-regoli antikumulu tal-allowances tal-familja nazzjonali u dawk li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-24 ta' Ġunju 2013, li timponi fuq ir-rikorrent sanzjoni ta' tniżżil bi tliet skali;
 - sa fejn meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra fl-24 ta' Jannar 2014 u nnotifikata lir-rikorrent fis-27 ta' Jannar 2014, li tiċħad l-ilment ta' dan tal-aħħar;
 - tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.
-